IRBAĦ KTIEB

KULL ĠIMGĦA MA' L-ORIZZONT

Ix-Xafra tad-Destin

MICHAEL CINI

Dan ir-rakkont jibda minn fuq is-swar tal-Imdina, iniżżlek fil-passaġġi sigrieti ta' din il-belt antika, irikkbek magħna fuq iż-żwiemel tal-Kavallerija tal-Ordni, u jtik l-opportunità li tieħu sehem inti wkoll fit-taqbid qalil li bosta drabi konna nieħdu sehem fih aħna. Ma ddumx ma tinduna li d-diwi tal-isparar u r-riħa tad-dħaħen tal-porvli, flimkien mal-ħsejjes tal-azzar tax-xwabel u t-tqawqib sfrenat taż-żwiemel, ikunu wassluk f'nofs battalja ħarxa... li ma tafx jekk hix ser tkun l-aħħar waħda li dħalt tissielet fiha...

Irbaħ ktieb kull ġimgħa billi twieġeb din il-mistoqsija:

Liema assedju jsawwar il-qofol ta' dan ir-rumanz?

.....

.....

Isem u Kunjom.....

Telefon.....

Indirizz.....

.....

Kodiċi Postali .....

HORIZONS

Ibagħtu t-tweġibiet tagħkom sa mhux aktar tard mit-**Tlieta, 3 ta' Novembru**, lil:
Horizons, Kompetizzjoni Orizzont, Triq l-Iskultur, Qormi QRM 3580
jew permezz ta' imejl, bis-suġġett '**Kompetizzjoni Orizzont**' fuq **info@horizons.com.mt**

Ir-rebbieħ/a j/tirċievi ktieb ta' Horizons bil-posta d-dar fl-indirizz indikat. Kull ġimgħa jithabbar ir-rebbieħ/a tal-ġimgħa ta' qabel. Il-ktieb mirbuħ mhux neċessarjament ikun dak rivedut f'dan l-avviż.

Ir-rebbieħ tal-ġimgħa li għaddiet ***A. Conti, Floriana***

Ħmar tal-paċi fl-Imdina

L-aħħar irtokki fuq il-ħmir li qed jinħadmu għall-okkażjoni

Wirja ta' 21 ħmar Malti li jissimbolizzaw il-bżonn għall-paċi magħmula mir-reżina f'daqs reali mpinġija minn artisti magħrufa Maltin u mill-pajjiżi tal-Mediterran.Il-verżjoni l-ġdida tal-Biennali tal-Arti Kontemporanja tal-Katidral tal-Imdina li se tiftaħ fit-13 ta' Novembru sas-7 ta' Jannar bl-APS Bank bħala l-imsieħeb ewlieni, se ġġib attrazzjoni artistika unika fil-Belt Siekta - 21 ħmar ieħor li huma s-simbolu tal-Ħmir tal-Paċi fil-Mediterran. Il-Ħmar tal-Paċi fil-Mediterran hu proġett, preżentat f'wirja tal-arti, li jaħdem għall-paċi u li jikkonsisti f'21 ħmar "Malti", magħmul mir-reżina u ta' daqs reali li huma mpinġija mill-iprem u l-aqwa artisti Maltin u mill-pajjiżi tal-Mediterran, li jissimbolizzaw l-bżonn għall-paċi u l-kompassjoni bejn il-Lvant u l-Punent, u b'mod speċifiku madwar ir-reġjun tal-Mediterran (li jfisser simbolu ta' ħmar għal kull nazzjon fil-Mediterran). Il-21 artist magħżula biex ipinġu f'dan il-proġett tal-Ħmar tal-Paċi fil-Mediterran jinkludu artisti kontemporanji mill-aqwa u artisti li għadhom jibdew kemm minn Malta kif ukoll mill-Mediterran u jużaw diversi mezzi artistiċi: Daniela Guevska, Damian Ebejer , Emma Morgan, Abi Macleod Clark, Federico Chini , Farid Fadel, Hend Adnan, Ibrahim el Dessouky, James Micallef Grimaud, James Vella Clark, Karim Abdel Malak, Kenneth Zammit Tabona, Khaled Hafiz, Mariam Hathout, Mohamed Talaat, Rachel Galea, Reda Abdel Rahman u Valerio Schembri.Organizzata mill-għaqda mhux governattiva internazzjonali li taħdem għall-paċi, CARAVAN, il-wirja tal-Ħmar tal-Paċi fil-Mediterran tuża s-simbolu tal-ħmar Malti, li hu magħruf ħafna u li hu fil-periklu li jinqered, biex tattira l-attenzjoni tad-dinja fuq erba' ħtiġiet kruċjali u kritiċi: l-armonija bejn ir-reliġjonijiet,ir-relazzjonijiet bejn il-Lvant u l-Punent, il-ħarsien tas-saħħa tal-ħmar f'zoni ta' kunflitt u l-għajnuna umanitarja għall-migranti u r-refuġjati. Il-forma tal-reżina tal-ħmir ta' daqs reali, kien skolpit mill-artist prim Eġizzjan Dr Reda Abdel Rahman, li mbagħad kienu maħduma u mibnija f'Malta minn Joe Bartolo, Joe Gauci u Gilbert Gauci. Il-Proġett tal-Ħmar għall-Paċi fil-Mediterran isegwi fuq il-passi tal-inizjattiva ta' arti pubblika tal-ħmar Eġizzjan organizzata fl-2013 minn CARAVAN, u li kisbet tant suċċess fil-Kajr, fl-Eġittu, u f'Londra. Din l-inizjattiva ntlaqgħet tajjeb u żaruha 'l fuq minn 120,000 ruħ. Is-suċċess kien riżultat ukoll għall-mod kif kienet ippreżentata internazzjonalment din l-arti pubblika b'annimali mpinġija. Għall-inizjattiva tal-Ħmar tal-Paċi fil-Mediterran, CARAVAN qed tissieħeb ma' The Donkey Sanctuary, http://www.thedonkeysanctuary.org.uk/ li hi ewlenija fiddinja għall-qasam għall-ħarsien tas-saħħa tal-ħmar, u li hi wkoll l-isponsor ewlieni flimkien mal-United Religions Initiative (URI) http://www.uri.org/. Il-kuratur huwa Rev. Paul-Gordon Chandler, president ta' CARAVAN u d-direttur artistiku tal-Biennali ta' Arti tal-Katidral tal-Imdina hu Dr Giuseppe Schembri-Bonaci. Tul ix-xahrejn tal-wirja, CARAVAN se tkun qed ittella' żewġ kunċerti fil-Katidral ta' San Pawl fl-Imdina b'xgħoljiet u miżiċisti li jżewwqu u jesploraw ir-rikkezza tad-tradizzjonjiet mużikali tal-Lvant Nofsani u l-Punent: 'On A Caravan' fit-28 ta' Novembru u 'Notes of Faith' fl-4 ta' Diċembru. mdinabiennale.org.

Nestlè jappella għall-prevenzjoni tal-kanċer tas-sider

L-attriċi Abigail Azzopardi bil-bra roża bil-kamera mqabbda miegħu

Il-filmat tan-Nestlé bil-*bracam* jappella għall-eżaminar regolari għall-prevenzjoni tal-kanċer tas-sider. Nestlé Malta Limited, permezz tal-marka tagħha Fitness, nediet il-filmat tal-bracam fuq l-istazzjonijiet diġitali u soċjali biex tappoġġja l-isforz dinji għat-tkabbir tal-kuxjenza fuq l-importanza tal-eżaminar regolari tas-sider biex jiġi evitat il-kanċer. Il-filmat juri mara għaddejja minn ftit toroq u ħwienet f'Malta. Hi ntalbet tilbes bra roża b'kamera moħbija biex taqbad ir-reazzjoni tan-nies hi u għaddejja. Il-messaġġ ewlieni ta' din il-kampanja soċjali hu biex tiċċekkja lilek innifsek regolarment. Illum, diversi kliniċi stabbiliti għandhom magħhom professjonisti li jistgħu jagħmlulek eżaminazzjoni medika tajba.

Tista' wkoll tiċċekkja sidrek darba fix-xahar ħalli jekk ikun hemm xi ħaġa taqbadha minnufih. Tista' wkoll teżamina ġismek f'darek, fi kwalunkwe ħin tal-ġurnata, u kull meta trid. Melania Calleja Pellicano, il-Manager tal-Grupp ta' Nestlé Malta Limited qalet: "Ridna mod differenti kif inwasslu l-messaġġ lill-udjenzi tagħna. Aħna tan-Nestlé Fitness, nappoġġjaw issaħħa u l-istil ta' ħajja sana ta' kulħadd. Għalhekk kburin li ilna għal dawn l-aħħar 6 snin nagħtu l-appoġġ tagħna għal din l-inizjattiva maħsuba biex tqajjem kuxjenza fuq il-kanċer tas-sider, u m'aħniex se nieqfu qabel ma dan il-messaġġ sempliċi jasal għand kulħadd." Il-filmat tista' tarah mill-paġna tal-Facebook ta' Nestlé Fitness (MT) billi ddaħħal #CheckYourselfMalta jew mill-YouTube https://www.youtube.com. Nestlé Fitness għaddej ukoll b'kampanja parallela fil-Facebook maħsuba apposta biex toffri kuxjenza u tagħrif fuq l-għarfien minn kmieni tal-kanċer tas-sider.